**ID-DISA' LEĠISLATURA**

# MINUTI 22

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

Laqgħa Numru 22 Nhar il- Gimgha 20 ta' Frar , 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 4:30pm.

**Preżenti:**

- Neville Chetcuti – Sindku
- Martin Vella – Kunsillier
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Ralph Mangion – Viċi Sindku
- Conrad Borg Manche – Kunsillier
- Jessica Borg – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- Aaron Caruana – Kunsillier
- Ryan Sciberras – Kunsillier
- Tania Borg – Kunsilliera

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

## 22.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Preċedenti (Nru 21)

### 22.2.1 Qari tal-Minuti

Is-Sindku fetaħ is-seduta u talab il-kunsiderazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 21. Peress li l-abbozzi tal-minuti kienu tqassmu minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill, dawn ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Ma sar l-ebda kumment u l-minuti ġew ikkunsidrati korretti.

**Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 21 ġew approvati.**

**Proposta: Kunsillier Ralph Mangion**
**Sekondata: Kunsilliera Joyce Bray**
**Deċiżjoni: Approvata unanimament.**

---

## 22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

### 22.3.1 Laqgħa ma' Ms. Gżira (Universe)

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' rappreżentanti ta' Ms. Gżira (Universe).

### 22.3.2 Aġġornament dwar il-Karnival

Is-Sindku spjega li l-attivitajiet tal-Karnival organizzati fil-lokalità kienu ta' suċċess kbir u attenduti tajjeb mir-residenti u mill-pubbliku.

### 22.3.3 Attivitajiet u Skemi

Is-Sindku informa li saret laqgħa fejn ġie spjegat li l-iskemi se jerġgħu joħorġu b'mod simili għal dawk tas-sena l-oħra, iżda din id-darba ser ikun hemm aktar fondi disponibbli.

### 22.3.4 Aġġornament dwar it-Toroq

- **Triq Cuschieri –** Ix-xogħol tlesta u issa qed jistennew li jsiru l-linji tat-traffiku għall-ewwel darba.
- **Bouverie Street / Carlo Manche Street –** Tlesta l-ewwel saff tat-tarmac.
- **Pjazza Meme Scicluna –** Tlesta l-konkos.
- **St. Albert Street –** Beda x-xogħol inkluż fuq il-bankini.
- **Triq Manuel De Vilhena –** Ix-xogħol tlesta kollu grazzi għall-Public Works.

**22.4 Ġieħ il-Gżira**

**22.4.1**

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li wasal iż-żmien li jinħarġu n-nominazzjonijiet għall-premju Ġieħ il-Gżira. Hija spjegat ukoll ir-regoli dwar kif wieħed jista' jinnomina persuna għal dan l-unur.

**In-nominazzjonijiet ser jagħlqu nhar il-Ġimgħa, 17 ta' April, filwaqt li l-attività ta' Jum il-Gżira ser issir fil-15 ta' Mejju.**

---

**22.5 Intervent mill-Accountant**

**22.5.1 Rapport Q3**

L-Accountant, is-Sur Daniel Galea, ippreżenta spjegazzjoni dwar ir-rapport tal-Q3. Huwa spjega li l-FSI sal-aħħar ta' Settembru kien wieħed sodisfaċenti ħafna, b'rata ta' 55%, u b'working capital ta' €365,911.

Huwa faħħar lill-Kunsill għall-ġestjoni finanzjarja u ta parir biex il-Kunsill jibqa' miexi bl-istess prudenza.

**Deċiżjoni: Approvata unanimament.**
**Anness: Document A**

**22.5.2 Spjegazzjoni dwar il-Budget 2026**

Is-Sur Daniel Galea ppreżenta wkoll spjegazzjoni dwar il-budget għas-sena 2026. Huwa spjega li jekk il-Kunsill jimxi skont dan il-budget, huwa mistenni li sal-aħħar tas-sena 2026 l-FSI jilħaq 39%.

**Deċiżjoni: Approvata unanimament.**
**Anness: Document B**

---

**22.6 Mistoqsijiet u Diskussjonijiet mill-Kunsilliera**

**22.6.1**

Il-Kunsilliera Sa. Jessica Borg esprimiet ix-xewqa li matul din is-sena jiġi organizzat klabb għat-tfal. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet aktar dettalji sabiex ikun jista' jinħareġ avviż għal kors jew attività relatata.

**22.6.2**

Il-Kunsilliera Sa. Joyce Bray qalet li resident staqsa jekk hux possibbli li jiġi introdott Blue Badge Communal Parking fi Triq Luqa Briffa. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ser jivverifika din il-possibbiltà.

**22.6.3**

Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella staqsa jekk sarx xi progress dwar il-problema tal-ilma li qed jinżel minn Triq Carlo Manche. Is-Sindku wieġeb li ser jitpoġġew barriers b'pjanċi fuqhom sabiex jipproteġu l-bibien tar-residenti.

---

**22.7 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlasijiet**

L-Iskeda tal-Ħlasijiet Nru 19/9 ġiet ippreżentata u eżaminata mill-Kunsill.

**Proposta: Kunsillier Conrad Borg Manche**
**Sekondata: Kunsilliera Jessica Borg**
**Deċiżjoni: Approvata unanimament.**

---

**22.9 Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku kkonkluda l-laqgħa fis-6:00 p.m.

Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Marzu 2026, fl-4:30 p.m., fil-Boardroom tal-Kunsill Lokali.

---

**IFFIRMATA:**

**Neville Chetcuti**

Sindku

**Mandy Farrugia**

Segretarju Eżekuttiv

**Proposta**

**Sekondata**